# PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha 10 ta' Jannar, 2001**

**Numru: 30**
**Citaz. Numru: 2590/2000/RCP**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Martin Agius u martu Philippa sive Phyllis Agius**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici li bih is-socjeta` attrici wara li ppremettiet:

Illi l-konvenuti jinsabu debituri versu l-bank attur fis-somma ta' hamest elef erba, mija u tnejn u disghin lira u sebgha u disghin centezmu (LM5,492.97) rapprezentanti flus mislufa lill-konvenuti taht "Overdraft Account" numru 13 104 4887.(DokA).

Illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Illi dan il-kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehema tal-bank attur il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

L-istess socjeta` attrici talbet li l-istess konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-bank attur is-somma fuq imsemmija ta' LM5,492.97.

BI-imghax legali mit-22 ta' Settembru 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu 2000 kontra l-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta` attrici;

Rat il-verbal ta' l-10 ta' Jannar 2001 fejn il-konvenut Martin Agius, seduta stante u quddiem il-Qorti ammetta t-talbiet attrici kif dedotti, u fil-fatt, iffirma l-istess verbal ghan-nom tieghu u ghan-nom ta' martu.

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** fuq ammissjoni tal-konvenuti billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici** kif dedota fic-citazzjoni b'dan illi:

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-bank attur is-somma fuq imsemmija ta' hamest elef, erba' mija u tnejn u disghin lira Maltin u seba' u disghin centezmu (LM5,492.97).

Bl-imghax legali mit-22 ta' Settembru 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Awissu 2000 kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**10 ta' Jannar 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**10 ta' Jannar 2001**